MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2011

Numru. 379/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**
**Vs**

**CONCETTA CHARLES**

**Seduta ta' llum ghoxrin (20) ta' Settembru, 2011.**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputata **CONCETTA CHARLES** ta' hamsin sena, mart Dennis, bint Serafino Farrugia u Maria nee Busuttil, imwielda Hal Safi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 1958 u residenti 4, 'St. Rita', Triq Gwann Zammit, Hal Safi, detentrici tal-karta tal-identita numru 811758M, giet imressqa quddiemha akkuzata talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Marzu 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, approprjat ruhha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra mis-somma ta' hamest elef u hames mitt lira

maltin li giet fdata jew ikkunsinnata lilha minn Raymond u Josette Mallia taħt t-titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir izu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz taghha jew minhabba depositu necessarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-disgha ta' Settembru 2008 (fol. 121) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputata din il-kawza tigi ttrattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta (fol. 123).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, l-imputata tixhed minn jedja b'mod volontarju.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet kemm tal-Prosekuzzjoni w tal-Parte Civile prezentata nhar l-4 ta' Awwissu 2010 u kif ukoll dik tal-imputata pprezentata nhar it-23 ta' Novembru 2010.

Rat li l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza u dan fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2011.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta' Gunju 2006 **xehed l-allura Spettur Joseph Cordina** (fol. 13) fejn qal li f'Marzu 2006 kien ircieva rapport minghand Raymond Mallia w il-mara tieghu Josette fejn qalulu li kienu xtaqu jadottaw tarbija wara li kienu ilhom disa' snin mizzewgin. Gie allegat li kienu ltaqghu ma' Concetta Charles, l-imputata odjerna w ghamlu kuntratt bejniethom, skrittura privata biex din it-tarbija tkun tista' tingieb mill-Pakistan w ghamlu wkoll *power of attorney*, prokura, favur Concetta Charles ghal kull ma jkun hemm bzonn minhabba l-firem. Qal li ma' dan il-kuntratt il-konjugi Mallia ghaddew is-somma ta'

hamest elef lira maltin (LM5000) lill-imputata u din s-somma flus, skond dan il-kuntratt stess, kellha tkopri l-ispejjez kollha sabiex din it-tarbija tigi hawn Malta, fosthom *travel, medical expenses* u xoghol li kellu jsir il-Qorti fil-Pakistan. Kien hemm ukoll ftehim li jithallsu hames mitt lira maltin (LM500) ohra la darba jkun hemm ic-certifikati medici u dan kien fis-sena 2003. Zied jghid li l-kuntratt kien sar f'Gunju 2001.

Kompla jghid li fit-2003 il-koppja gew mitluba minn Concetta Charles biex ihallsu il-hames mitt lira maltin (LM500) l-ohra, ghalkemm ic-certifikat mediku kien ghadu ma sarx u l-imputata qaltilhom li din s-somma flus kellha bzonnhom biex jghagglu l-process. Qal li ghadda hafna zmien u t-tarbija baqghet ma gietx w ghalhekk kienu talbuha l-flus lura, din ma taghthomlhomx u huma marru jfittxu servizzi minghand haddiehor u fil-fatt it-tarbija waslet b'servizzi ta' haddiehor u regghu thallsu l-ispejjez kollha dwar dan.

Spjega li fit-tlieta w ghoxrin ta' Marzu 2006 hu kien kellem lill-imputata Concetta Charles fl-ufficcju tieghu, taha t-twissija skond il-ligi u din ikkonfermat li kienet dahlet f'kuntratt mal-konjugi Mallia. Qal li kkonfermat ukoll li l-konjugi Mallia kienu hallsu s-somma ta' hamest elef u hames mitt lira maltin (LM5,500) u kkonfermat ukoll li din it-tarbija li kellha ggib, ma waslitx. Qal li kien staqsiha x'kien sar minn dawk il-flus u l-imputata qaltlu li l-flus ma jmorrux ghat-tarbija direttament, imma jmorru ghal fondazzjoni u jissussidjaw familji li ma jkollhomx flus bizzejjed u ghalhekk ma setghetx tghid x'sar minnhom dawn il-flus. Qal li meta staqsiha jekk fadalx xi haga minn dawk il-flus, l-imputata kienet irrispondietu li ma kienetx taf kemm kien ghad fadal jew jekk kienx fadal. Qaltlu wkoll li t-tarbija kellha tigi minn Istituzzjoni maghrufa bl-isem 'United Christian Foundation of Pakistan' li kienet istituzzjoni taghha stess u baqghet tghid li l-flus li suppost kienu ghat-tarbija, skond il-kuntratt, kienu biex jissussidjaw hafna trabi ohra u l-ispejjez ta' din il-fondazzjoni.

Ix-xhud esebixxa stqarrija rilaxxjata mill-imputata Concetta Charles nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Marzu 2006 fl-ufficcju tieghu, wara li nghatat s-solita twissija skond il-ligi, w ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik ta’ PS 130 Ivan Cilia kif wkoll tal-imputata Concetta Charles fuq t-tlett faccati taghha, liema stqarrija giet immarkata bhala Dok. JC. Esebixxa wkoll *cheque images* ta’ zewg cekkijiet li ghaddielu Raymond Mallia, u dan fl-ammont ta’ hamest elef lira maltin (LM5,000) u iehor ta’ hames mitt lira maltin (LM500) li bihom kienet thallset l-imputata Concetta Charles, liema cekkijiet gew immarkati bhala Dok. JC 1.

Illi nhar d-dsatax ta’ Gunju 2006 **xehed Raymond Mallia** (fol. 20) fejn ikkonferma li hu kien ghamel kuntratt mal-imputata prezenti fl-awla, sabiex din tipprovdilu tarbija mill-Pakistan. Ix-xhud esebixxa kopja ta’ dan il-kuntratt li gie mmarkat bhala Dok. JC 2. Esebixxa wkoll ricevuta li kienet hargitlu l-imputata ghall-ammont ta’ flus li kien ghaddielha bhala Dok. JC 3. Meta gie muri l-original ta’ dan id-dokument, ix-xhud, fil-presenza tal-Qorti, l-avukat difensur tieghu Dr. Chris Soler awtentika din il-kopja bhala vera kopja. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-prokura li kien ghadda lil l-imputata Concetta Charles li giet immarkata bhala Dok JC 4 u dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok JC 5. Ikkonferma li sa dakinhar li kien qed jixhed, la rcieva t-tarbija u lanqas ha lura l-flus minghand l-imputata. Esebixxa wkoll ittra li giet immarkata bhala Dok. JC 6 li l-avukat difensur tieghu kien baghat lil imputata Concetta Charles u rapport li kien ghamel lill-Ispettur Joseph Cordina li gie mmarkat bhala Dok. JC 7. Spjega li n-nutar li ghandu kien mar jaghmel il-ftehim mal-imputata, qabbditu l-istess imputata u huwa certu Dr. William Azzopardi. Qal li l-kuntratt li ghamel referenza ghalih, effettivament ma hu kuntratt xejn, hu biss ftehim li hu dak immarkat bhala Dok JC 5. Qal li kien dakinhar li huma ghaddew is-somma ta’ hamest elef lira maltin (LM5,000) lill-imputata, b’dan li jekk hija ma ggibx din it-tarbija li weghdithom li ser iggibilhom, kienet taghtihom is-somma flus lura w l-imputata kienet qablet ma’ dan. Pero’ minkejja dan, il-flus qatt ma taghthomlhom lura.

Spjega li l-flus kienu ghall-ispejjez tat-tarbija w cioe' ghal kwistjoni ta' Qrati barra minn Malta. Zied jghid li wara xi zmien l-imputata kienet regghet talbithom hames mitt lira maltin ohra (LM500) u huma tawhomlha wkoll u dawn kollha kienu jikkoncernaw l-ispejjez. Qal li sa dakinhar li kien qed jixhed, hu kien ta s-somma ta' hamest elef u hames mitt lira maltin (LM5,500) lill-imputata. Qal li hu kien talabha s-somma ta' hames mitt lira maltin (LM500) lura pero' dawn ma tathomlux u kien talabhomlha lura ghax hass li kienet qeghda tittradih peress li kienet tghidlu sabiex imur l-airport fi granet partikolari ghaliex kienu gejjin it-tfal u gieli tela' tlett darbiet u lilha qatt ma kien jaraha hemmhekk u lanqas qatt ma ra tfal gejjin.

Qal li kien icemplilha w dejjem tghidlu li ttardja l-ajruplan u kien jerga' jcemplilha darb'ohra w dejjem tghidlu li dalwaqt jaslu, dalwaqt jaslu u kompliet tittradih u qatt ma gabitlu din it-tarbija. Qal li l-flus kien talabhomlha kemm-il darba u hi kienet tghidlu li ser taghtihomlu, pero' ma tatu qatt xejn. Qal li llum il-gurnata ghandu tarbija adottata mill-Pakistan u dam xahar.

Illi nhar s-sbatax ta' Lulju 2006 **xehed PS 130 Ivan Cilia** (fol. 32) fejn wara li ra l-istqarrija esibita bhala Dok. JC a fol 16 tal-atti, ikkonferma li qabel ma din l-istqarrija giet rilaxxjata mill-imputata odjerna, hija giet moghtija s-solita twissija. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Joseph Cordina kif wkoll tal-imputata fuq kull faccata taghha.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehed Dottor William Azzopardi** (fol. 47) fejn wara li gie muri dokument esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dok. JC 4, qal li dan hija prokura li saret minn Raymond Mallia flimkien ma' martu Josette a favur Concetta Charles. Ikkonferma l-firma ta' Josette Mallia u Ray Mallia fuq dan id-dokument kif ukoll il-firma tieghu. Meta gie muri dokument iehor li huwa bejn l-istess partijiet, u cioe' Raymond Mallia u martu Josette Mallia min-naha, u Concetta Charles fuq in-naha l-ohra, liema dokument hu mmarkat bhala Dok. JC 5 a fol. 28, ix-xhud ghal darb'ohra kkonferma l-firma taghhom kif ukoll tieghu.

Qal li hu kien dahal fil-kwistjoni minhabba l-fatt li Concetta Charles kienet tinkorri xi spejjez biex tadotta tfal Pakistani u dawk li jkunu taw flus lil Concetta Charles, kienu jaghmlu skrittura biex hu jkun xhud ta' firma ta' dawn il-flus li jkunu gew mghoddija. Qal li hu ghamel iktar minn ftehim wiehed f'dan is-sens ghal Concetta Charles. Mistoqsi jekk il-flus ghaddewx quddiemu jew le, ix-xhud qal li ma kienx cert minn dan. Meta gie muri d-Dok. JC 5 esibit a fol. 28, ix-xhud ikkonferma li l-flus ghaddew fil-presenza tieghu.

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin t'Ottubru 2008 **xehed Joseph Borg Cardona** (fol. 124) fejn ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta, meta gie muri zewg cekkijiet mahruga mill-Bank of Valletta, wiehed minnhom datat disgha w ghoxrin ta' Marzu 2002 u l-iehor datat tnejn w ghoxrin ta' Gunju 2001, ikkonferma li dawn iz-zewg cekkijiet kienu mahruga mill-kont ta' Raymond u Josette konjugi Mallia favur Concetta Charles. Spjega li c-cekk ta' hames mitt lira maltin (LM500) gie msarraf fid-dsatax t'April 2002 minn persuna bil-karta tal-identita' numru 811758M, filwaqt li t-tieni cekk ta' hamest elef lira maltin gie depozitat f'kont numru 1790092034 li huwa f'isem Concetta Charles nhar is-sittax ta' Lulju 2001.

Illi fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin t'Ottubru 2008 **deher Raymond Mallia** li ghan-nom ta' martu Josette Mallia informa lill-Qorti li xtaq li martu tigi ezentata milli tixhed stante li tbati minn *phobia* tal-Qorti w ghalhekk il-prosekuzzjoni rrinunzjat ghall-produzzjoni tax-xhud Josette Mallia seduta stante.

Illi nhar is-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2008 **xehed Dottor Chris Soler** (fol. 127) fejn meta gie muri d-Dok. JC 3 esibit a fol. 25 qal li l-firma li tidher fuq din il-fotokopja tidher li qisha tieghu. Qal li l-kitba pero' tidher li qisha tieghu pero' ma ftakarx li qatt iffirma dan id-dokument. Mistoqsi jekk jafx lil Raymond Mallia prezenti fl-awla, x-xhud wiegeb li jafu ghax kien l-avukat tieghu f'dawn il-proceduri dak iz-zmien. Ftakar li Raymond Mallia kien qallu rigward xi allegat frodi tal-imputata fil-konfront tieghu

u li kien hallas lilha xi flejjes dwar xi adozzjoni li kellu jsir vis a vis xi tfal mill-Pakistan. Qal li hu kien deher bhala parte civile ghall-kwerelant, pero' x'gara iktar ma kienx jaf ghaliex ma baqax l-avukat tieghu. Qal li pero' quddiemu m'ghaddew l-ebda flus.

Illi nhar it-tmintax ta' Frar 2009 **xehed in-Nutar Jonathan Zammit** (fol. 131) fejn wara li ra r-revoka ta' prokura, att pubbliku li huwa esebit a fol 23 bhala Dok. JC 2, qal li dan l-att pubbliku kien qed ihassar u jannulla w jirrexindi w jirrevoka ghal kollox il-prokura generali li huwa kien taha lill-imputata Concetta Charles. Qal li lilu, Raymond Mallia kien qallu li kien ta xi flus lill-imputata Concetta Charles in konnessjoni ma' xi adozzjoni ta' tfal minn barra. Qal li jekk Mallia hax il-flus lura jew inkella t-tarbija waslitx lura Malta, hu ma kienx jaf. Qal li hu kien qed jghid dak li qallu w irrapurtalu Raymond Mallia. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuq dan il-kuntratt w ikkonferma l-kontenut tieghu fl-intier tieghu.

Illi nhar s-sbatax ta' Settembru 2009 **xehdet l-imputata minn jeddha b'mod voluntarju** (fol. 138 et seq) fejn skuzat ruhha ta' xi dewmien inutli f'din il-kawza. Qalet li sabiex taccerta ruhha minn dak li kienet ser tghid, sahansitra anke telghet il-Pakistan sabiex ticcekkja fuq certu fatti. Qalet li hi kienet mizzewga Pakistani u fl-1976 telghet tghix il-Pakistan u hemmhekk sabet id-dinja differenti b'kulturi u valuri diversi. Qalet li waqt li kienet hemmhekk bdiet titghallem il-lingwa u bdiet tithallat man-nies u sahansitra anke bdiet tmur l-iskejjel u taghmel id-dmirijiet mat-tfal. Qalet li flimkien mal-kollegi taghha ffurmat fundazzjoni li jisimha 'New United Christian Foundation'. Ziedet tghid li dak iz-zmien fondi ma kellhiex u bdiet tigbor lit-tfal. Qalet li l-klima hemmhekk shuna hafna u kienu jlaqqghu lit-tfal taht it-tined u kienu jigbru diversi ghajnuna mis-*site area* t'hemmhekk stess u dan sabiex jaghtuhom lill-genituri ta' dawn it-tfal biex ihallu lit-tfal maghhom u b'hekk ma jibghatuhomx jahdmu. Qalet li baqghu ghaddejin b'din is-sistema li jzommu lit-tfal sas-sena 1985 u wara rritornat lura Malta u xtaqet li tkompli tghin lill-Fondazzjoni u fil-fatt bdiet tigbor il-fondi u baqghet tassistiehom.

Qalet li fis-sena 1988 regghet lura lejn il-Pakistan biex itella' din il-Fondazzjoni f'livell iktar gholi u tirregistraha bhala NGO. Qalet li waqt li kienet hawn Malta kienu qed isiru xi adozzjonijiet u fl-istatut taghhom kellhom klawsola li huma xtaqu jsibu djar ghal dawn it-tfal kemm fil-Pakistan kif wkoll f'Malta. Qalet li waqt li kienet ghadha l-Pakistan fis-sena 1988 tkellmet m'avukati hemmhekk u rat ukoll li skond il-Kostituzzjoni tal-pajjiz dan kien possibbli ghalkemm kienu f'minoranza bhala Christians li japplikaw fil-Qrati taghhom. Qalet li dak iz-zmien hawn Malta hi kellha bhala avukat lil Dr. Joseph Zammit Maempel u kien taha l-informazzjoni kollha sabiex tottjeni d-dokumentazzjoni kollha relattiva biex issir adozzjoni hawn Malta. Qalet li ma kienetx haga facli li huma jigu approvati fil-Qrati tal-Pakistan biex issir adozzjoni u dan ghaliex il-Pakistan hija Islamika u fil-fatt estremista wkoll. Qalet li fis-sena 1997 lnexxielha tnizzel tarbija ta' tliet gimghat u din kienet xi haga kbira ghaliha. Qalet li t-tarbija llum il-gurnata ghadha hawn Malta.

Ziedet tghid li sussegwentement kien hemm xniegha anke fil-gazzetti, li hi kienet anke tisraq it-tfal mill-Pakistan u hi rat li din kienet insinwazzjoni kerha hafna, pero' cio' nonostante, ma hallithiex ittellifha. Qalet li fis-sena 1998 kellha erba' koppji li kienu nteressati fl-adozzjoni mill-Pakistan u telghet hi personalment qabel il-Pakistan. Qalet li qabel ma telghet infurmat lill-koppji Maltin dwar dan u dan sabiex jottjenu l-Visa sabiex meta jitilghu, ikunu lesti w fil-fatt sahansitra hekk gara, nizzlu erbat itfal ohra ghal dawn il-koppji u dawn it-tfal kollha gew adottati minn koppji Maltin.

Sussegwentement, ziedet tghid, li tat xi intervisti fil-gazzetti biex turi lill-poplu Malti s-sitwazzjoni tat-tfal fil-Pakistan u sahansitra anke programm fuq it-televizjoni ghamlet. Qalet li sa dakinhar kien irnexxielha taghmel erbghin adozzjoni ta' tfal mill-Pakistan hawn Malta.

Qalet li f'Gunju 2001 kienu marru l-koppja in kwistjoni cioe' Raymond u Josette Mallia u cemplulha u hi qaltilhom xi affarijiet fuq l-adozzjoni u kif kienet taghmel

adozzjonijiet ohra, peress li kellha *know how* minhabba l-passat u qaltilhom dak kollu li kellhom jaghmlu w cioe' li l-ewwel kellhom japplikaw hawn Malta fil-Welfare Department sabiex ikollhom *report* u mbaghad ikun hemm bzonn certu dokumentazzjoni bhal fedina penali, certifikat tat-twelid, certificat taz-zwieg u dokumentazzjoni ohra w kif kienet taghmel ma' kull familja ohra, kienet taghmel ftehim mal-koppja. Qalet li l-istess gara ma' din il-koppja Mallia. Qalet li biex taghmel il-ftehim kienet tmur ghand in-nutar Dr. William Azzopardi Haz Zabbar u f'dan il-kaz ghamlet hekk ukoll.

Qalet li ghall-ewwel adozzjoni li kienet ghamlet kienet thallset is-somma ta' LM5,000 u sussegwentement kellha hsieb taghmel post decenti ghall-fondazzjoni peress li ma kelliex iktar fejn izzomm dawn it-tfal w is-somma tellghuha ghal LM6,000 li kienet tinkludi *legal fees, administration expenses* tal-Fondazzjoni, il-*maintenance* u naturalment is-salarji tan-nies li kien hemm il-Pakistan. Qalet li jekk l-adozzjoni kienet tkun semplici, fis-sens li ma kellhiex problemi b'LM1,200 tehles *legal fees*, pero' jekk ikun hemm proceduri jew *litigations*, is-somma titla'. Qalet li naturalment hi kienet titla' l-Pakistan w ghalhekk kienu jkopru wkoll l-ispejjez taghha.

Ziedet tghid li sussegwentement bdiet titla' l-Pakistan u bdew jirrangaw kollox shabha w ghalhekk l-ispiza nizlet ghal LM5,500 w ghalhekk il-ftehim li kienet iffirmat mal-koppja Mallia kien jitratta dwar is-somma ta' Lm5,500. Qalet li dan il-ftehim iffirmatu f'Gunju 2001 w iffirmatu ghal sena peress li l-procedura ddum u naturalment f'din is-sena xorta baqghet tnizzel tfal ohrajn.

Qalet li fil-hmistax ta' Marzu 2002, hi kienet diga' bdiet tipprocessa l-applikazzjoni tal-familja Mallia ghalkemm ma kienet tellghet l-ebda dokument. Qalet li l-pulizija ta' Karachi, fejn kienet din il-fondazzjoni, kienet irceviet rapport anonimu li huma kienu qed jisirqu lit-tfal u '*we smuggle them'* w imbaghad ibieghu l-organi taghhom. Qalet li naturalment allegazzjoni bhal din fil-Pakistan taghmel hoss ikrah hafna, u peress li huma kienu Insara din swiet iktar ta' deni u dahlu f'hafna inkwiet. Qalet li

meta pero’ faqqghu dawn l-allegazzjonijiet hi kienet ghadha qed tghix Malta ghalkemm zewgha kien ghadu kif tela’ l-Pakistan. Qalet li filwaqt li r-ragel taghha kien il-Pakistan fuq xoghol iehor, ghax huwa negozjant, hi kienet talbitu sabiex izur il-Fondazzjoni u jgibilha xi *videos* tat-tfal li kien hemm u meta dan mar mar fil-*home*, kienet saret ir-*raid* mill-pulizija. Qalet li hemm kien hemm hdax-il tifel u tifla u dawn intbaghtu f’centru Musulman. Qalet li zewgha w il-kollegi taghha gew arrestati w anke kienu torturati w l-investigazzjoni baqghet ghaddejja tliet xhur shah u huma ma kellhom l-ebda permess johorgu mill-*home*.

Qalet li minn hawnhekk hi kienet baghtet ittra lill-Human Rights tal-Pakistan u xi dokumentazzjoni li kellha peress li l-Human Rights li hi kienet baghtet kienet Dipartiment tal-Gvern u talbithom sabiex issir investigazzjoni ndipendenti. Qalet li fuq l-ittra li hi baghtet gie inkarigat certu persuna maghruf bhala Major Arthur u li rrizulta, skond ir-rapport tieghu, li ma kien hemm ebda rregolarita’ u ma rriskontrax li kien hemm xi *smuggling* illegali jew xi tehid t’organi.

Ix-xhud ziedet tghid li sussegwentement hi kienet tinsab f’sitwazzjoni fejn kienet ghadha d-dar bit-tfal taghha minuri jistudjaw, filwaqt li zewgha kien arrestat il-Pakistan, u naturalment maghha kien hemm dawk il-familji kollha - fosthom il-konjugi Mallia - li kienu qed jistennew lit-tarbija taghhom tasal mill-Pakistan. Qalet li huma, skond il-ftehim, kienu tawha hamest elef lira maltin (LM5,000) u sussegwentement hames mitt lira maltin (LM500) ohra. Qalet li hi iktar li kienet titkellem kien mas-Sinjura Mallia milli mar-ragel taghha peress li zewgha kien ikun okkupat fuq xoghol. Qalet li sahansitra anke Josette kienet iccemplilha meta kienet tkun ecitata hafna w hi qaltilha li ma kienux imdahhlin f’dan ic-cirku ta’ *smuggling* u li skond informazzjoni li hi kellha mill-avukat taghha, il-Fondazzjoni taghha ma nghalqitx.

Sussegwentement, kompliet tghid ix-xhud, hi gabet tarbija ohra li ghadha hawn Malta sa llum u baqghet tittama illi t-*turn* ta’ Josette jasal u qaltilha sabiex taghtiha cans sabiex tkompli b’dik l-*adoption* li kienet ghaddejja biha u li dik li

jmiss, kienet ser tkun taghha. Qalet li l-*adoption* li kienet qed taghmel kienet tat-tifel ta' tmin xhur jismu Fabio Wilson. Qalet li din it-tarbija kienet ser tigi adottata minn koppja Maltija, cioe' l-koppja Scicluna u li din il-koppja Scicluna ma kinitx fi stat ta' paniku, kif effettivament kienet Josette. Qalet li din kienet qed taghtiha l-ghajnuna kollha u peress li kienet qed turi fiducja fiha kienet lesta fil-fatt li taffaccja l-awtoritajiet ta' Malta w tispjega dak li kienet fil-fatt ghaddejja minnu hi.

Qalet li s-*social welfare department* hawn Malta kien qataghha li ma riedx iktar tfal mill-Pakistan, pero' sussegwentement kellmet lill-avukati ta' Malta w dawk qalulha li jekk il-karti li huma jgibu mill-Pakistan ikunu genwini w awtentikati minn awtoritajiet gholja mill-Pakistan, ghalhekk mhux suppost li jkunu mizmuma. Qalet li sussegwentement dan Fabio Wilson nizel Malta fis-sittax ta' Lulju 2004 u gie adottat.

Qalet li fis-sena 2003 il-koppja Mallia kienu baghtulha ittra ufficjali mill-avukat taghhom Dr. Lawrence Pullicino u talbuha tirrifondilhom il-flus peress li ma kienetx gabtilhom it-tarbija w ghalhekk kienet cemplet lil Josette Mallia u din qaltilha li kienet qatghet qalbha ghaliex ma kienitx giet it-tarbija w ghalhekk hi kienet marret maghhom tkellem lill-avukat taghhom Dr. Lawrence Pullicino gewwa l-ufficcju tieghu fil-Fgura w spjegajtlu kif kienet ssir l-adozzjoni fil-Pakistan u Dr. Pullicino, fil-presenza taghha kien qalilhom li jekk huma kienu ghadhom interessati fl-adozzjoni, kellhom effettivament jistennew u huma stennew.

Qalet li meta effettivament hi kienet titla' l-Pakistan hi kienet tiehu maghha l-prokura tal-koppja u f'dan il-kaz hekk kienet ghamlet ukoll, pero' Raymond kellu bizgha bil-prokura, li hi (ix-xhud) setghet tapprofitta ruhha minnha din il-prokura. Qalet li sussegwentement hi marret mal-koppja Mallia ghand in-Nutar Jonathan Zammit gewwa l-Fgura, u qaltlu li ma kienx possibbli li tahdem bla prokura u li kellha bzonn affidavit. Qalet li huma kienu tawha permess li tnizzlilhom tifla u li kienu ser isemmuha Abigail u effettivament din twieldet fil-hamsa w ghoxrin ta' Marzu

2004 u naturalment huma kienu lesti li jiehdu hsiebha u jikkurawha. Qalet li dan l-affidavit ghamluhulha.

Qalet li hi kienet qabbdet persuna bl-isem ta’ Shabin Shabka biex jahdem bhala *administrator* f’din il-Fondazzjoni fis-sena 2003 u li din il-persuna kienet taf tuza sew il-*computer* u titkellem sew bl-Ingliz w ghalhekk hi kienet tikkomunika mieghu fuq l-internet. Qalet li fil-fatt din il-persuna kienet nizzlitha hawn Malta meta nizel Fabio Wilson w ghalhekk meta kien hawn Malta, hi kienet stiednet lill-koppji li kienu qed jistennew l-adozzjoni sabiex jiltaqghu mieghu u fosthom kien hemm il-koppja Mallia, pero’ Raymond Mallia ma giex, kienet giet il-mara Josette w effettivament hi kienet spjegatilhom kif kienet saret l-adozzjoni ta’ Fabio Wilson u li hi kellha sa dakinhar ukoll ritratt ta’ din it-tifla li kienet ser tigi adottata mill-koppja Mallia u kienet urietulha u sahansitra kull *email* li kienet tibghat kienet ghamlet kopji lin-neputija taghha Mandy Agius. Qalet li sa dan it-tant il-process ta’ Abigail kien miexi ma’ process ta’ tifla ohra li kienet gejja hawn Malta, pero’ t-tifla l-ohra waslet. Qalet li waqt il-process ta’ *adoption* ta’ din it-tifla, hi kellha xi tghid ma’ Shabin Shabka u peress li ma xtaqitx tkompli ticcekkja d-dokumentazzjoni u saret taf li beda anke jghid affarijiet kontra taghha lil din il-koppja li kienet ser tadotta lit-tifla u sa dan it-tant anke l-ordni mill-Qorti kellha dwar l-*adoption* ta’ Abigail u dan kien ghall-habta tal-Ghid tat-2005. Qalet li effettivament hi kienet irceviet il-karti kollha u kienet ghaddiethom lil Josette.

Qalet li dakinhar kien hemm ukoll Rita Agius, ohtha w ommha, pero’ r-ragel taghha ma kienx hemm u hi lil Josette qaltilha li ma kienetx ghadha tahdem ma’ Shabin Shabka peress li ma kienx ghadu mpjegat taghha, w ghadditilha l-karti w qaltilha li hija xtaqet li tinghata kopja tal-*Court Order* u sabiex izzomm dawk il-karti l-originali u tmur bihom il-Foreign Office sabiex huma jawtentikawhom. Qalet li dak iz-zmien kien hemm Olaf Terribile li kien inkarigat minn dawn l-affarijiet u hu kien lahaq telaq u minfloku kien hemm certa Ingrid Lungaro Mifsud. Qalet li fil-fatt lill-koppji kollha qaltilhom sabiex ma jghidux illi hi (x-xhud) kienet qed tghinhom pero’ lil

Lungaro Mifsud, Josette qaltilha illi hi kienet qed tghinha w fil-fatt il-karti damu ma gew awtentikati, w ghalhekk hi (x-xhud) regghet marret ghand Josette u talbitha sabiex taghtiha *photocopy* biex tara kif tista' tirrangalha sabiex ikunu jistghu jmexxu peress li l-*adoption* kienet f'idejhom.

Qalet li dak il-hin Josette cemplet lil Raymond u Raymond qalilha biex ma taghtihiex il-karti (lix-xhud). Qalet li sa dan it-tant wasal id-dar ma' *his brother in law* Martin Agius w ghal darb'ohra hi (x-xhud) regghet wissietu dwar Shabin Shabka w lilha fil-fatt Raymond kien qalilha li ma kienx jaf min hu dan il-persuna u l-istess kien qal Martin Agius. Qalet li hi qaltilhom li hi (x-xhud) kienet ser tkompli xorta bl-*adoption* u huma qalulha biex ma tmurx 'l hemm ghax jekk tmur hemmhekk, kienu ser ikeccuha bil-pulizija. Qalet li f'Dicembru 2006 hi telghet il-Pakistan u peress li fil-*media* Maltija u dik Pakistana, kien hemm artikolu illi r-ragel taghha nghata seba' snin habs, u fil-fatt effettivament veru kien wehel seba' snin habs, sussegwentement spiccat anke l-Qorti tal-Pakistan u prezentat id-dokumentazzjoni ghax rat illi l-*file* ta' zewgha hemmhekk kien vojt, hi kienet ipprezentat dokumentazzjoni li kellha tal-Human Rights, High Court u r-ragel taghha kien gie mehlus mill-habs w illum il-gurnata kien jinsab hawn Malta. Qalet li hi damet hemmhekk sa Ottubru 2007 u d-dewmien kien minhabba problemi li bdew jinqalghu waqt li kienet hemmhekk, liema problemi kienu ta' natura politika.

Ziedet tghid li f'Marzu 2006 hi saret taf li effettivament it-tifla nizlet hawn Malta u Shabin Shabka ghaddieha lil Raymond u lil Josette Mallia. Qalet li waqt li kienet il-Pakistan kienet marret persuna fuqha bl-isem ta' Suleiman u talabha l-ghajnuna fi flus u hi qaltlu li ma kienitx tafu w li ma kienx imnizzel bhala membru tal-Fondazzjoni, w dan kien qalilha li huwa kien taha tifla w li t-tifla kien taha lil Shabin Shabka w li fil-fatt kien hallieha ghand il-Fondazzjoni taghha.

Qalet li hi kienet staqsietu jekk kellux x'juri w dan kien taha ritratt ta' Josette bit-tifla. Qalet li fil-fatt illum il-gurnata din ghadha ghand Josette u fil-fatt esebiet kopja

ta’ dan ir-ritratt bhala Dok. ‘Z. Qalet li dan kien ukoll taha ritratt iehor ta’ Martin Agius bit-tifla, li esibiet bhala Dok. ‘X’. Qalet li meta effettivament rat hekk bil-fors kellha temmnu, pero’ mbaghad indunat x’gara, pero’ hi kienet diga’ taf li fil-fatt it-tifla kienet waslet u kienet qed tistenna li l-konjugi jghidulu li fil-fatt waslet. Qalet li fil-fatt imbghad hi kienet indunat li Shabin Shabka kien qabad lit-tifla w nizzilha bil-*Court Order*. Spjegat li fil-fatt din it-tifla hawn Malta llum ma tghajjatx lill-*Court Order*. Qalet li hi ma xtaqitx taqla’ nkwiet hawn Malta peress li una volta giet din it-tifla w kienet taf li kien ser ikollha futur, allura halliet l-affarijiet kif inhuma, pero’ hi kienet certa li l-*Court Order* ma tispjegax lit-tifla li llum tinsab f’idejn Mallia. Qalet li meta Shabin Shabka kien ser jitlaq minn Malta hi kienet marret l-ajruport dakinhar u hemm kien hemm Rita u Martin u Raymond u t-tifla taghhom, apparti Shabin Shabka u mara ohra ta’ nazzjonalita Pakistana, kif ukoll il-genituri li hi kienet ghenet sabiex jiehdu lil Fabio Wilson. Qalet li lil Raymond staqsietu, w li lanqas kien qalilha li kien gej Shabin Shabka, w li dan kien qalilha li ma kienx jaf u li kien induna wahdu.

Qalet li lil Raymond kienet qaltlu li hi ma kienetx responsabbli minn din it-tifla u dan peress li hi, skond il-ftehim li ffirmat mieghu, kienet responsabbli ghal din it-tifla. Qalet li dak il-hin dar fuqha Raymond Mallia u qalilha li huwa ma jimpurtahx minnha izda jimpurtah minn flusu u Rita daret fuqha u qaltilha ‘*qis li ma taghmel xejn lil Shabin Shabka*’ w imbaghad qalet ukoll li f’kaz li taghmel hi kienet hawn Malta u li kienet ser taraha zgur. Qalet li kienet taf li Shabin Shabka ra lilha bhala tfixkil. Qalet li wara ftit marret id-dar w irceviet telefonata mis-Surgent taz-Zejtun u staqsiha jekk kinitx marret l-ajruport w ghamlet xi theddid fil-konfront ta’ Shabin Shabka u hi qalet lis-surgent li jekk irid jiehu kollox fil-kors tal-ligi u li jekk hi (x-xhud) kienet ghamlet xi haga hazina responsabbli hi. Qalet li qaltlu wkoll li jekk Shabin Shabka ghamel xi haga hazina fil-Pakistan, kien responsabbli l-ligi tal-Pakistan.

Qalet li sussegwentement saret taf li din it-telefonata ma saritx miz-Zejtun, izda saret mid-depot u dan peress li kien it-telefon *number* tad-depot li hi kienet irceviet fir-

*receiver* taghha. Ziedet tghid li wara ftit kien baghat ghaliha l-Ispettur Cordina u kien beda jistaqsiha certi domandi fuq din it-tifla w sahansitra anke rrilaxxjat *statement* u sussegwentement spiccat bil-proceduri odjerni. Meta giet murija l-istqarrija li hi kienet irrilaxxjat lill-Ispettur Cordina fit-tlieta w ghoxrin ta’ Marzu 2006 ix-xhud ikkonfermat dan l-i*statement*, il-firma taghha. Din l-istqarrija qeghda a fol 16. Qalet li hi ma semmiet xejn lill-Ispettur fuq dan l-incident li kien hemm l-ajruport ghax l-Ispettur ma kien staqsiha xejn dwaru w li hi fl-i*statement* wiegbet ghal dak li staqsiha l-Ispettur.

Illi nhar s-sebgha (7) ta’ Jannar 2010, **regghet xehdet l-imputata** (fol 203 et seq) fejn qalet li minghajr ma jkun hemm dan it-tip ta’ *scrap book* li kienet qed tesebixxi bhala Dok. ‘Z’, l-ebda tifel jew tifla ma jistghu jigu adottati mill-Pakistan ghal hawn Malta. Qalet li t-tifla ta’ Raymond, li hu ghandu fil-pussess tieghu illum, giet Malta llegalment. Ix-xhud esibiet certifikat tat-twelid tat-tifla li nizzel Raymond Mallia li jgib id-data tal-hamsa w ghoxrin ta’ Marzu 2004 u skond l-att tat-twelid kif registrat fir-Registru Pubbliku Malti mmarkat bhala Dok. ‘X’, kopja tal-*Court Order* rigwardanti din l-istess tifla li tinsab fil-pussess ta’ Raymond Mallia liema *court order* harget fis-sbatax ta’ Dicembru 2004. Qalet li dawn l-karti kienu jinsabu f’idejn Shabka u suppost ghaddiehom lilha (lix-xhud) u baqa’ jittratieni w imbaghad kellha tigborhom hi stess minghand l-avukat direttament. Qalet li din id-dokumentazzjoni qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok. ‘X 1’. Ix-xhud esibiet wkoll c-certifikat tat-twelid ta’ din it-tifla Abigail li hareg mill-Pakistan bhala Dok. ‘X 2’, dokument mahrug mill-Courts of Voluntary Jurisdiction f’Karachi rigwardanti l-kwistjoni ta’ Abigail li tinsab fil-pussess tal-parte civile bhala Dok. ‘X 3’, liema tifla tinsab fil-pussess ta’ Raymond Mallia, mhux it-tifla li kellha tnizzel hi.

Illi nhar s-sebgha (7) ta’ Jannar 2010, xehed **Raymond Mallia** (fol 206 et seq.) fejn esebixxa d-dokumentazzjoni kollha relattiva ghall-adozzjoni li hu kien ghamel mill-Pakistan bhala Dok. ‘RM’. Qal li hi ma kellu x’jaqsam xejn mal-imputata fl-adozzjoni tat-tifla li hu ghandu li jisimha Abigail. Qal li din t-tifla li adottata jisimha Abigail u wera

lill-Qorti kopja tal-passaport taghha wkoll. Qal li din id-dokumentazzjoni m'ghandha x'taqsam xejn mal-hidma tal-imputata w li d-dokumentazzjoni li hu kien ta lill-imputata m'ghandux kopja taghha ghaliex kien jaghmilha bla *photocopy* ghax dejjem fdaha. Qal li dawk il-fotokopji ghamilhom hu stess u l-originali jinsabu ghandu wkoll. Qal li hu, l-flus li ta lil Shabka huma dawk esebiti fid-dokument 'RM'.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Ottubru, 194***1*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Karmnu Catania** giet identifikata d-differenza bejn r-reat ta' serq kif spjegat aktar 'il fuq u dik ta' approprazzjoni ndebita, w cioe' sabiex tissusisti l-figura ta' approprazzjoni ndebita w mhux il-figura tas-serq, hemm bzonn li l-haga li tkun giet approprijata tkun giet konsenjata w fdata lil min hadha taht it-titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni taghha jew li jsir minnha uzu determinat.

Skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approrazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del posesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq. (Dan hu proprju dak li gara fil-kaz in desamina ghaliex il-konjugi Mallia taw is-somma ta' hamest elef lira maltin (LM5,000) b'mod volontarju lill-imputata ghalkemm skond ftehim esebit fl-atti.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita.

Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-**Artikolu 293 tal-Kodici** taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara **Crivellari dei reati contra la proprieta** – pg. 498; ediz. 1998).

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali -** (para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:-

"*il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo.*"

**Carrara** fil-kieb tieghu ***Diritto Penale*** taht t-titolu *Esposizione dei delitti inspecie* (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-

**"** ***la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato.*****"**

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph *Mifsud*** deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali**;** **Il-Pulizija v Joseph Richmond et** deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; **Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 194***9*** u **Il-Pulizija v Emanuel *Cassar*** deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.)

B'dan il-Qorti trid tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347*** jghid:

*"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

Id-difiza sostniet li l-imputata ma kellhiex id-dolo ghal dan r-reat ghaliex qatt ma kellha l-intenzjoni li ma ggibx din it-tifla mill-Pakistan jew addirittura li ma thallasx lil Raymond u Josette Mallia.

Bir-rispett kollu l-Qorti thoss li l-imputata qed tilghab bil-kliem, u dan ghaliex kif *del resto* gie rilevat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sbatax ta' April 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Falzon**, l-

element formali ta’ dan ir-reat jikkonsisti fil-‘*volontarieta delle conversione con scienza della sua illegitimita e del fine di lucro*’ [***Maino Op. Cit. p. 105***].

Huwa minnu li hemm certi awturi bhal **Giovanni Giuffre’** li jghid li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett jinnewtralizza l-iskop ta’ qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma [profitt li *del resto* m’ghandux ghalfejn ikun wiehed pekunarju]. Tali intenzjoni izda, jrid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza tal-eventwali restituzzjoni. Tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet, timmanifesta ruhha fir-restituzzjoni effettiva w immedjata, li f’dan il-kaz ma sehhitx. Pero’, anke f’din l-ipotesi, ma kien hemm l-ebda restituzzjoni tal-flus. L-imputata riedet tghid li l-konjugi Mallia ma sofrew l-ebda pregudizzju ghaliex illum huma ghandhom tarbija addotata mill-Pakistan w li skond l-imputata hija l-istess tarbija li kienet ser iggib hi. Pero’ bir-rispett kollu anke kieku verament din hija l-istess tarbija li kienet ser iggib hi, w dwar dan il-Qorti ghandha d-dubbji taghha, jirrizulta anke mid-dokumentazzjoni li esebixxa Raymond Mallia, li din it-tifla giet hawn Malta wara li huwa ngagga s-servizz ta’ haddiehor sabiex jghinu w fil-fatt anke ricevuta tal-ispejjez li nkorra ulterjorment esebixxa. Il-fatt hu li l-konjugi Mallia hallsu flus lill-imputata ghal servizz partikolari li ma tatx, u li wzat il-flus ghal-hag’ ohra li ma kinitx awtorizzata li taghmel.

Dan ir-reat, jiddistingwixxi ruhu mir-reati ta’ serq ghax l-oggett ikun gie moghti lill-agent volontarjament, u mhux jittiehed kontra l-volonta’ jew minghajr il-kunsens tad-detentur, u jiddistingwixxi ruhu mit-truffa ghaliex id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta’ raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent [vide **Il-Pulizija v Enrico Petroni et** deciza nhar d-disgha ta’ Gunju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.]

Kif tajjeb gie mfisser fis-sentenza **Il-Pulizija v Joseph Muscat** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta ta’ Marzu 1997,

*"L-element partikolari tar-reati ta' approprjazzjoni indebita, mhux l-uzu ta' ingann da parti tal-agent biex jottjeni l-oggett,* *<u>izda l-intenzjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand s-suggett passiv bil-libera volonta ta' dan</u>."*

Minn ezami tal-ftehim li jorbot lill-partijiet f'din il-kawza, w li zgur jirrefletti l-intenzjonijiet li kellhom il-partijiet fil-mument li kkontrattaw il-konjugi Mallia, jirrizulta li l-konjugi Mallia ghaddew is-somma ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000) lill-imputata Concetta Charles ghar-ragunijiet hemm imsemmija. M'hemmx dubbju li ftehim bhal dan jikkostitwixxi *pacta sunt servanda* w jorbot liz-zewg kontraenti.

Jinghad li skond dan il-fethim Mallia ghaddewlha l-flus bil-ghan li "*such consideration covers all medical expenses and the maintenance of such child in the New United Christian Foundation's Home in Pakistan <u>connected to the adoption</u>*" (sottolinear ta din il-Qorti). Min-naha l-ohra l-imputata kienet obbligat ruhha, f'dan l-istess ftehim, li (versu l-korrispettiv li rceviet fl-ammont ta' hamest elef lira maltin (LM5,000)) li hija "*binds herself to pay all expenses relative to the infant being brought to Malta, including domestic and International flights*."

Jinghad ukoll li f'dan l-istess ftehim immarkat bhala Dok. JC 5 esebit a fol. 28 tal-atti, l-konjugi Mallia obbligaw ruhhom li jhallsu lill-imputata s-somma ulterjuri ta' hames mitt lira maltin (LM500) *"when the medical report from Pakistan is verified by a competent medical authority in Malta".*

Jirrizulta wkoll li f'kaz li l-imputata hija tal-fehma li '*the adoption is not in the best interest of the child, she shall stop the bringing over of the child without givng them any reason and <u>refund</u> the consideration paid*". F'dan il-kaz l-imputata "*binds herself to return the consideration paid within two months from the notification in writing that she is not able to deliver the child*".

Jinghad ukoll li l-imputata obbligat ruhha li "*she retruns the consideration paid within the same time limit should she not deliver the child as agreed or should there be a reason out of her control that renders her unable to bring over the child".*

Issa mill-atti processwali, w appuntu kemm mill-istatment li hija rrilaxxjat *a tempo vergine* tal-investigazzjoni li bdiet fis-sena 2006 li hija wzat il-flus in konnesjoni mal-manutenzjoni tal-allegata Fondazzjoni. Fl-istqarrija taghha Dok JC esebit a fol. 16, mistoqisja mill-pulizija x'ghamlet bil-flus li rceviet minghand il-konjugi Mallia tghid li "*il-flus li hallsu is-sinjuri Mallia jifformaw parti minn fond kollettiv kif jistipula l-istess agreement li ghamilt maghhom fejn kellhom imorru dawn il-flus. Il-fond jkopri l-ispejjez tal-manutenzjoni tat-tfal li jkollna f'idejna u cioe' f'idejn il-Fondazzjoni New United Christians Foundation li qieghda stabilita fil-Pakistan. Hemm spejjez ta' telefonati, spejjez medici tat-tfal, il-pagi tal-haddiema tal-Fondazzjoni w spejjez ohra*". Ghalhekk jirrizulta minnufih li l-flus li hallsu l-konjugi Mallia ntuzaw ghal skop differenti minn dak moghti lill-imputata skond il-ftehim.

Harsa lejn id-disposizjoni tal-artikolu rilevanti tal-ligi huwa hawnhekk utili. L-**Artikolu 293** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"Kull min japproprja ruhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat…"*

Minn ezami ta' dan l-artikolu jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approporjazzjoni ndebita fil-kuntest tal-kaz presenti, huwa kostitwit mill-frazi "*uzu minnha specifikat…*". Specifikat minn min! Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent, u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga, w hadd hliefha, li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett konsenjat lilu minnha.

Kif rilevat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbatax ta' Frar 1997 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v John Gauci:</u>**

*"Jekk l-konsenjatur jaghti flus lil agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat t'approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk l-konsenjatur jaghti flus lil agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat."*

Minn qari ulterjuri ta' din l-istqarrija jirrizulta wkoll li l-imputata wzat dawn il-flejjes sabiex tghin familji Maltin ohra li kienu batuti finanzjajarmaent sabiex huma wkoll jadottaw tfal mill-Pakistan. Naturalment dwar dan il-konjugi Mallia qatt ma taw il-kunsens taghhom. Zgur li ma kienitx l-intenzjoni taghhom li jkopru l-allegati spejjez li kellhom terzi f'dawn il-proceduri meta in effetti huma kienu ghadhom minghajr tfal. M'hemmx dubbju li l-imputata dahqet bil-konjugi Mallia w uzat il-flejjes moghtja lilha b'mod legittimu illegitimu w kontra l-ispirtu li nghatawlha.

Ghalhekk dak li kkonkludiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza deciza nhar il-hamsa ta' Jannar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Puliizja v Joseph Mary Silvio,</u>** fejn gie deciz u kkonfermat ghal darb'ohra li sabiex ikun hemm l-approprijazzjoni indebita, l-oggett li jkun sar uzu minnu hazin irid ikun jinsab legittimament fil-pussess tal-agent, gie provat fil-kaz in desamina.

F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija t'approprjazzjoni, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifika mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers. Dan hu dak li ghamlet il-Qorti.

Jinghad ukoll li l-intenzjoni tal-imputata sabiex timmisapproprija l-flejjes moghtija lilha, hija wkoll visibbli mill-fatt li ghalkemm l-imputata obbligat ruhha li tirritorna l-

flus lill-kojugi Mallia jekk l-adozzjoni ma ssirx, dan ma sarx.

Jirrizulta wkoll li anke l-hames mitt lira Maltin (LM500) li kellhom jithallsu lill-imputata meta johrog ic-certifikat mediku thallsu qabel, u sal-gurnata ta' llum dan ic-certifikat baqa' ma nghatax lill-konjugi Mallia. Meta l-konjugi Mallia talbet lill-imptutata sabiex tirrtorna dawn il-flejjes, hija rrifjutat.

Dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dan ir-reat, il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista **Luigi Maino** fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghall-ezistenza ta' dan ir-reat. (Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

"*Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion*

*fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi minn din l-esposizzjoni legali tal-elementi mehtiega sabiex jissussisti r-reat ta' misappropprijazzjoni kif applikati ghall-fatti speci tal-kaz odjern, wiehed jista' jikkonkludi li mill-provi certament jirrizulta li l-kwerelanti fdaw u kkonsenjaw lill-imputata b'mod legittimu, w ghal skop specifiku, s-somma ta' Lm5,500 u dan taht titolu li johrog car hafna mill-iskrittura tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju 2001. Irrizulta wkoll li dawn il-flus inghataw lill-imputata bl-obbligu specifiku li jintuzaw ghall-ispejjez sabiex tingieb tarbija mill-Pakistan ghal skopijiet ta' adozzjoni w bl-obbligu tar-radd lura tal-flus jekk is-servizz li l-imputata obbligat ruhha li tippresta ma javverax ruhu. Irrizulta wkoll li l-imputata la pprestat dan is-servizz u l-anqas raddet lura l-flus lilha mghoddija ghall-uzu specifiku w irrizulta inoltre li hija dawret dawn il-flus bi profitt ghaliha, ghaliex hija kkonvertiethom fi propjeta' taghha billi kif stqarret *ex admisses* uzathom ghal bzonnijiet tal-Fondazzjoni taghha stess. Dan ma kienx l-iskop li ghalih gew mghoddija lilha l-flus mill-konjugi Mallia u hija kienet taf ben tajjeb li kellha l-obbligu li trodd lura l-flus lill-konjugi Mallia jekk ma setghetx iggib it-tarbija Malta (kif del resto obbligat ruha li tahamel skond il-ftehim fuq imsemmi Dok. JC 5) izda minflok hija kkonvertiet dawn il-flus fi propjeta' taghha billi wzathom ghal affarijiet ohra, w cioe' sabiex tirrisolvi l-problemi li kellha fil-Pakistan u sabiex tipprova tirrendi qliegh sabiex tkun tista' thallas u sabiex tipprocedi bl-adozzjonijiet ghal koppji ohra.

Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' approprijazzjoni

indebita stante li mill-provi rrizulta li l-imputata rceviet il-flus minghand il-konjugi Mallia bl-obbligu specifiku li tutilizza dawn il-flus ghall-ispejjez konnessi mal-adozzjoni tat-tarbija mill-Pakistan u bl-obbligu li trodd lura dawn il-flus jekk dan ma javverax ruhu, w li minflok m'ghamlet hekk hija utilizzat dawn il-flus bi profitt ghaliha billi dawrithom fi propjeta' taghha w utilizzathom sabiex tirrisolvi problemi ohra li kellha, meta kienet taf ben tajjeb li hija nghatat il-flus mill-konjugi Mallia ghall-uzu specifikat u bl-obbligu li trodd lura l-flus jekk tali uzu ma setax javvera ruhu. L-imputata sejra ghalhekk tinstab hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta, fic-cirkostanzi pero' tqis li r-reat kommess minnha huwa reat serju hafna - li hija qabdet u dahqet b'persuna li kienet tant herqana w li wara hdax-il sena ta' zwieg kienet qed tittama li jkollha tarbija taghha.  M'hemmx dubbju li l-imputata abbuzat mill-konjugi Mallia li tant kienu vulnerabbli fiz-zmien tal-adozzjoni.  Pero' sabiex taghmel gustizzja kemm mal-imputata kif ukoll mal-vittmi li sofrew danni materjali konsistenti f'telf ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM5,500), jidhrilha li ghandha tigi mposta piena karcerarja sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-obbligu pero' li tirritorna lura l-flus li nghatawlha mill-koppja Mallia, w cioe' s-somma ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM5,500) fiz-zmien massimu permes mil-ligi ta' sitt xhur, ai termini ta' l-artikolu 28 H (1) tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-Artikoli 17, 23, 28A u 28H (1), 31, 293, 294 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputata CONCETTA CHARLES hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha w tikkundannaha piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll li ai termini ta' l-Artikolu 28 H(1) l-imputata ghandha tirritorna lura s-somma ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM5,500) ekwivalenti**

**ghal tnax-il elf tmien mija w hdax-il Ewro w hamsa w hamsin centezmu (€12,811.55) u dan fi zmien sitt xhur millum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28 H (7) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta din il-Qorti qed tispjega l-import ta' din is-sentenza lill-imputata w x'jigri f'kaz li tonoqos li tosservaha jew li ssegwi d-direttiva moghtija lilha.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikundanna lill-imputata thallas l-ispejjez ta' l-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rat li f'din il-kawza ma gewx nominati esperti w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**Tordna wkoll, ghal kull buon fini, li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Agenzija Appogg.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------